MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 525/2005

**Fortuna Enterprises Limited (C9750)**
**vs**
**Dram Company Limited (C29773)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi:

Peress illi l-attur huwa kreditur tal-konvenut fis-somma ta' tletin elf, mitejn u disgha u sittin lira, u sbatax il-centezmu (Lm30,269.17) oltre l-imghax legali mis-7 ta' Settembru 2004 ta' diversi partiti ta' karta mibjugha u konsenjata lill-konvenut tul dawn l-ahhar xhur u dan skond *statement of account* mahrug fil-31 ta' Mejju 2005 hawn anness u mmarkat bhala dokument FE1 kif ukoll skond sitt *invoices* hawn annessi u mmarkati bhala dokumenti FE2 sa FE7.

Peress illi l-attur interpella lil konvenut diversi drabi biex ihallas dan l-ammont pero' baqa' inadempjenti.

Peress illi l-ammont dovut lill-attur huwa cert, likwidu u skadut u l-konvenut m'ghandu ebda eccezzjoni x'jaghti ghat-talbiet tal-attur.

Peress illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha mehtiega skond l-Artiklu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi bid-dispensa tas-smigh.

Jghid il-konvenut prevja kwalsijasi dikjarazzjoni necessarja u opportuni u ghar-ragunijiet premessi ghaliex m'ghandiex din il-Qorti tiddeciedi skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza skond l-Artiklu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u

1. Tikkundanna lil konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tletin elf, mitejn u disgha u sittin lira, u sbatax il-centezmu (Lm30,269.17) oltre l-imghax legali mis-7 ta' Settembru 2004 ta' diversi partiti ta' karta mibjugha u konsenjata lill-konvenut tul dawn l-ahhar xhur u dan skond statement of *account* fil-31 ta' Mejju 2005.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 883/05 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat Id-Dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process.

Rat in-**Nota tal-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta** a fol. 17 tal-process fejn eccepiet:

Fl-ewwel lok, illi s-socjeta' konvenuta m'hijiex il-leggittimu kuntradittur fil-proceduri odjerni in kwantu, kif diga' jirrizulta mid-dokumenti esebiti mill-istess socjeta' attrici (Dok. FE1), l-esponenti dejjem agixxit f'isem u in rapprezentanza ta' terzi u l-atturi kienu a konoxxenza ta' dan.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u ghall-eccezzjonijiet li jsegwu, illi l-azzjoni odjerna hija

ntempestiva in kwantu l-mertu tal-kawza huwa suggett ghal ftehim debitament iffirmat u li fih l-atturi qeghdin jaccettaw li jithallsu l-ammonti pretizi minnhom fil-forma ta' "*commission"* fuq servizzi ta' agenzija u l-bilanc "*as per agreed schedule"*

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u ghall-eccezzjonijiet li jsegwu, illi l-ammont pretiz huwa ezagerat in kwantu diga' saru pagamenti akkont.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u ghall-eccezzjonijiet li jsegwu, illi l-ammont pretiz m'huwiex dovut.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**TALBA U ECCEZZJONIJIET**

F'din il-kawza l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti jhallsu is-somma Lm30,269.17 oltre l-imghax ghal diversi partiti ta' karta mibjugha u konsenjata lilhom.

Il-konvenuti qed jeccepixxu li s-socjeta' konvenuta mhiex il-legittimu kontradittur; li l-azzjoni hija intempestiva; u li l-ammont pretiz huwa esagerat u mhux dovut.

**KONTESTAZZJONI**

**Legittimu kontradittur**

L-atturi qed jissottomettu li s-socjeta' intimata ma gabet ebda prova li hija mhiex il-legittimu kontradittur billi Ruben Buontempo qatt ma cahad li Dram Company Ltd kienet

debitrici tas-socjeta’ attrici. Lanqas ma gie pruvat li s-socjeta’ konvenuta kienet qed tagixxi f’isem u in rappresentanza ta’ terzi.

Il-konvenuti minn naha l-ohra jirritjenu li fin-negozju taghhom ma’ l-atturi huma kienu qed jagixxu f’isem haddiehor u l-kljenti kienu jhallsu direttament lill-atturi (Dok FE1). Huma aggixxew bhala agenti ta’ terzi u ghalhekk skond il-konvenuti ma tistax tidhol responabbili ghal hlas li hu dovut minn haddiehor ghal prezz ta’ karta li effettivament ibbenefikaw minnha l-mandanti taghha.

L-Artikolu 998 tal-Kodici Civili jenuncja il-principju li ghandu dejjem “*jitqies illi wiehed wieghed jew ftiehem ghalih innifsu ….. meta l-kuntrarju mhux stabbilit espressament mil-ligi, jew mill-partijiet fil-ftehim, jew ma jkunx jidher mix-xorta tal-ftehim*.” Imbaghad l-Artikolu 999 li jsegwi jghid espressament li “*Hadd ma jista’ b’kuntratt f’ismu jobbliga ruhu jew jikkuntratta hlief ghalih innifsu.”*

Is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet “Carmelo sive Charles Azzopardi et noe - vs - George Cauchi” tittratta eccezzjoni simili ghal dik taht ezami u tghid li “hija haga mil-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f’isem haddiehor jew jekk dan ma jindikahx espressament. Il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f’isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f’isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni. Il-provi f’dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta’ provi, jew anke fid-dubju, il-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz (Trolong mandato no. 50 citata bil-kollezzjoni Vol. XLII, P.II, p.203).

Fil-kaz in ezami John Cassola xehed li l-ammont jirrapprezenta xoghol ta’ karta mibjugh lill Dram Co. Ltd u x-xoghol gie konsenjat lilhom. Kellhom isiru pagamenti kull xahar mill-konvenuti, izda wara tlett xhur waqfu jhallsu. Hu ma kienx jaf li l-karti ma kienitx ghalihom u sar

jaf b'dana meta talabhom biex ihallsu. Il-konvenuti kienu taw il-karta lill kljenti taghhom u dahlu l-flus taghha.

Jigi rilevat li l-konvenuti kienu accettaw li ghandhom jaghtu dawn il-flus, u ma kienux kkontestaw li huma debituri ta' l-atturi, tant li accettaw *schedule of payments* fuq *letter head* taghhom, u anke kienu ipproponew il-ftehim a fol 37 biex l-atturi jkollhom sors minn fejn jithallsu ta' dak li huma kellhom jaghtuhom.

Il-fatt li xi kljenti tal-konvenuti kienu jhallsu lill konvenuti b'*cheque* u dawn kienu jiggirawh fuq l-atturi, ma jfissirx li kien hemm xi relazzjoni guridika bejn dawn it-terzi u l-atturi. In-negozju sar mal-konvenuti, l-karta haduha huma, u huma l-konvenuti li jridu jhallsu lill atturi, kif wara kollox, jirrizulta mill-provi, li huma kienu accettaw li jaghmlu. Il-*financial controller* tal-konvenuti kien wieghed fl-ittra (ara fol 23) li baghat lill atturi li l-konvenuti kienu se jhallsu u mhux haddiehor.

Ghalhekk dina l-eccezzjoni qed tigi michuda

**Intempestivita ta' l-azzjoni odjerna**

L-atturi qed jikkontendu li l-ammont mitlub fic-citazzjoni hu dovut. Kien sar ftehim (fol 37) li bih l-atturi kienu accettaw proposta ta' hlas alternativ mill-konvenuti billi dawn ma kienux waslu biex ihallsu l-bilanc li kien ilu dovut il-fuq minn sena. F'dan il-ftehim il-konvenuti weghdu lill atturi li kien se jkollhom negozju ma xi libjani u meta jdahhlu l-flus l-atturi jkunu jistghu jithallsu minnhom. Gara pero' li dan in-negozju ma mmaterjalizzax u meta raw hekk l-atturi ikkonsidraw li dan il-ftehim ma kienx ghadu vinkolanti u ghalhekk ghamlu dina l-kawza. Il-konvenuti kienu anke taw lill atturi *cheque* ta' Lm7,600 f'Jannar 2005 akkont izda c-*cheque* gie *countermanded*. Il-konvenuti regghu weghdu lill atturi permezz tal-*financial controller* (fol 23) li se jhallsu izda baqa' ma thallas xejn. Ghalhekk f'Mejju 2005 l-atturi hargu mandat ta' sekwestru kontra l-konvenuti u f'Lulju 2005 mandat ta' qbid fejn inqabdet magna ta' l-istampar minghand il-konvenuti.

Il-konvenuti pero' jsostnu li r-rilevanza tad-data tal-ftehim 25 ta' Ottubru hi ristretta ghall fatt li l-indikazzjoni turi li (ukoll jekk jista' jaghti l-kaz li l-firem saru qabel l-istess data) li l-partijiet ma kellhomx l-intenzjoni li jaraw li jigi esegwit il-kuntratt qabel il 25 ta' Ottubru 2005. Il-hlasijiet mill Libja kellhom jaslu wara din id-data u ghalhekk kienet tqieghdet dik id-data fuq il-kuntratt, ukoll jekk effettivament il-ftehim kien milhuq f'xi zmien antecedenti. Minflok ir-rikorrenti f'Mejju 2005 intavolaw dina l-kawza, hames xhur qabel id-data ta' l-iskrittura. Skond il-konvenuti l-atturi ma jistghux jippretendu li jithallsu qabel id-data li nponew huma stess ghal hlas. Inoltre r-rikorrenti elevaw il-magna li permezz taghha kellu jsir ix-xoghol imsemmi fl-istess skrittura. Il-konvenuti jirritjenu ukoll li kien hemm novazzjoni billi l-iskrittura qatlet kwalunkwe obbligu antecedenti ghaliha u sostitwietu b'obbligu ta' hlas derivanti minn *commission* fuq xoghol mill-Libja. Wiehed kien jistenna li r-rikorrenti jesegwixxu l-kuntratt imsemmi (*inademplenti non est ademplentum*) u mhux ma jhallux lill intimati joperaw.

Wara li ezaminat l-atti tal-kawza l-Qorti tasal ghal konkluzzjoni l-ewwelnett li l-konvenuti ma ppruvawx dak li qed jallegaw cjoe li l-ftehim a fol. 37 kellu jibda jopera wara Ottubru 2005. Huwa aktar verosimili u jaqbel mal fatti li l-ftehim kien sar qabel dika d-data kif qed isostnu l-atturi. Biss biss il-kawza giet prezentata fil-31 ta' Mejju 2005 meta l-ftehim suppost kien sar u gie iffirmat f'Ottubru 2005. L-atturi kienu accettaw dana l-ftehim meta kienet saret il-proposta mill-konvenuti ta' hlas alternativ meta huma ma kienux waslux biex ihallsu l-bilanc li kellhom jaghtu. Fil-fatt skond l-ittra tal-*financial controller* a fol. 23 diga fit-3 ta' Frar 2005 Charles Alamango kien qed jikteb li "*After yesterday's the proposals for our company are very good, and we are in a position to inform you that there is a very good possibility that a substantial payment will be made to your company by the end of next week*". Jigifieri li diga qabel Ottubru 2005 kien hemm prospett li l-atturi jircievi xi somma sostanzjali bhala pagament.

Kwantu ghall allegazzjoni tal-konvenuti li billi nqabdet il-magna mill-atturi huma ma setghux joperaw u joqghodu

mal-ftehim milhuq, il-Qorti tirrileva li l-makna giet maqbuda wara li l-konvenuti ma hallsux il-bilanc, u wara li ma kienx immaterjalizza n-negozju li suppost kellu jsir ma xi libjan li l-konvenuti lanqas biss jafu ismu u dana qabel Ottubru 2005.

Ghalhekk l-eccezzjoni dwar l-intempestivita' ta' l-azzjoni u l-inadempjenza tal-kuntratt qed tigi michuda.

Il-konvenuti jsemmu wkoll li kienet avverat novazzjoni bejn il-partijiet.

Hemm novazzjoni meta (a) meta d-debitur jaghmel mal-kreditur tieghu dejn gdid, u dan jigi mqieghed flok il-qadim, illi jispicca; (b) meta debitur gdid jigi mqieghed flok il-qadim, illi jigi mehlus mill-kreditur; (c) meta, bis-sahha ta' obbligazzjoni gdida , kreditur gdid jigi mqieghed flok il-qadim, li lejh id-debitur jigi mehlus.

Imbaghad l-artikolu 1183 jipprovvdi li:

Id-delegazzjoni li biha d-debitur jaghti lill-kreditur tieghu debitur iehor, illi jintrabat lejn dan il-kreditur, ma ggibx novazzjoni, jekk il-kreditur ma jkunx iddikjara espressament il-volonta' tieghu li jehles lid-debitur li jkun ghamel id-delegazzjoni.

Fil-kaz in ezami l-atturi jirritjenu li kien sar il-ftehim a fol 37 billi huma kienu ilhom jistennew aktar minn sena biex jithallsu l-bilanc dovut mill-konvenuti, u billi kienu xebghu jistennew kienu accettaw il-proposta tal-konvenuti li jithallsu minn negozju li l-konvenuti kienu bi hsiebhom jaghmlu ma xi Libjan izda dan in-negozju qatt ma sehh. L-atturi fl-ebda stadju ma ddikjaraw espressament il-volonta' taghhom li jehilsu lill konvenuti mill-obbligu antecedenti taghhom li jhallsu l-bilanc li kien pendenti billi jissostitwuh b'obbligu ta' hlas derivanti minn *commission* fuq xoghol li setgha jigi mil-Libja. L-atturi kienu accettaw dina l-proposta biex forsi jithallsu l-bilanc u mhux biex joholqu xi obbligazzjoni gdida. Kif xehed Ruben Buontempo huma kienu ftehemu li se jaghmlu dak il-kuntratt biex l-atturi

jkollhom sors minn fejn jithallsu l-bilanc pendenti. Dan pero’ ma jfissirx li l-atturi kienu qed jirrinunzjaw ghal-kreditu li kellhom.

Ghalhekk anke dina s-sottomissjoni mhux qed tigi milqugha.

Jirrizulta li ma giex kontestat il-kwantu ta’ l-ammont mitlub fic-citazzjoni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa’ t-talba attrici
Tikkundanna lil konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ tletin elf, mitejn u disgha u sittin lira, u sbatax il-centezmu (Lm30,269.17) oltre l-imghax legali mis-7 ta’ Settembru, 2004 ta’ diversi partiti ta’ karta mibjugha u konsenjata lill-konvenuti.
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------